MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 270/2005/1

**Mario Camilleri**

**v.**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"Peress illi l-attur kien ilu jahdem ma' l-Armata konvenuta sa mill-1987 u kellu l-kariga ta' Gunner bin-Numru 85268;

"Peress illi fit-3 ta' Novembru 1988 l-attur sofra incident waqt ix-xoghol a kawza ta' liema incident huwa tilef ghajnu x-xellugija;

"Peress illi dan nonostante l-attur dejjem baqa' jahdem regolarment ma' l-Armata u dejjem ghamel ix-xoghol tieghu kif imiss;

"Peress illi minhabba fl-incident li huwa sofra, l-attur kien dejjem jigi ezentat milli jmur fix-*shooting range* pero` f’daqqa wahda, b'mod ghal kollox irragonevoli l-konvenut beda jesigi li l-attur jerga' jibda jmur fix-*shooting range* ghax qal li dan ma kienx kompatibbli mad-dizabilita` tal-attur;

"Peress illi in segwitu, fit-18 ta' Marzu 2003, kif jirrizulta mill-anness dokument ta' terminazzjoni li qed jigi hawn anness u markat bhala Dok A huwa gie mkecci mix-xoghol;

"Peress illi din it-tkeccija tieghu saret b'mod diskriminatorju, senjatament bi ksur ta' l-Artikoli 3, 4, 5 u 7 tal-Kap 413;

"Talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

"1. Tiddikjara illi l-konvenut meta ttermina l-impieg lill-attur, irrenda ruhu hati ta' diskriminazzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 413 (Equal Opportunities (Persons with Disability) Act);

"2. Konsegwentement tordna illi l-konvenut jirri-instatja (sic!) lill-attur fix-xoghol tieghu.

"3. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-arretrati ta' salarju kollha, inkluzi *l-bonuses* u *increments* relattivi;

"4. Caso mai [recte: Jekk] din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tordna *reinstatement,* tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir abbusiv u llegali tal-konvenut; u

"5. Tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni msemmija;

"Bl-ispejjez u l-imghax inkorsi, inkluzi dawk tal-protesti gudizzjarji gja` presentati u l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ma gietx innotifikata lill-Avukat Generali kif tirrikjedi l-ligi fl-Art.181B(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk iz-zmien ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet da parti ta' l-eccipjent ma jibdiex jiddekorri qabel dik in-notifika;

"2. Illi l-kawza hija perenta stante Ii kellha ssir fi zmien sitt xhur minn meta l-attur sar jaf jew seta' jaf dwar id-decizjoni amministrattiva u dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza;

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent jichad Ii saret xi diskriminazzjoni da parti tieghu fil-konfront ta' l-attur stante Ii l-Armata huwa korp regolat minn standards ta' kwalifika Ii persuna trid tissodisfa kemm ghall-ingagg taghha kif ukoll ghall-kontinwazzjoni ta' l-impjieg taghha;

"4. Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;
"5. Illi huwa ma ghandux ibati spejjez;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li l-ewwel eccezzjoni giet determinata bil-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju 2005, quddiem l-ewwel Qorti fejn l-Avukat Generali ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat is-sentenza moghitja mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 2007, li in forza taghha laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet kollha ta' l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi mill-provi prodotti irrizulta illi l-attur kien beda jahdem mal-Forzi Armati bhala ‘gunner’ fl-1987. Fit-3 ta’ Novembru 1988 kellu incident fejn, waqt li kien qed jaghmel ezercizzju maghruf bhala ‘platoon attack’ f’post jismu il-Mizieb limiti tax-Xemxija, siehbu, li wkoll kien ‘gunner’, spara u laqtu bl-iskartocc f’ghajnejh. B’konsegwenza ta’ hekk l-attur tilef il-vista minn ghajnejh tax-xellug minkejja li kien gie operat l-isptar. Huwa kien baqa’ l-isptar ghal madwar xahar u nofs, imbaghad mar id-dar izda baqa’ jiehu kura ghal ghajnejh u baqa’ jigi invistat minn certu Tabib Galea sa kemm gie mghoddi bord mill-armata fl-2003. Xi sena wara l-incident l-attur rega’ dahal ghax-xoghol. It-tabib kien ordnalu biex jaghmel ‘night duties’ u baqa’ jaghmel in-‘night duties’ ghal cirka sbatax-il sena, izda it-Tabib kien ukoll idahhlu ghall-ghases tal-‘barracks’ u gieli qalghu minn dawn l-ghases ghax ma kienx jiflah ghalihom. Meta ma kienx jaghmel din l-ghassa kien jahdem is-Sibt mis-sebgha ta’ filghodu sa l-erbgha ta’ wara nofsinhar. L-attur xehed li darba minnhom kien avicina lill-avukat tieghu biex jaghmel xi mistoqsijiet parlamentari dwar il-fatt illi s-Sibt kienu izommuh mis-sebgha ta’ filghodu sal-erbgha ta’ wara nofsinhar, peress illi skond hu kellu jahdem sa nofsinhar biss. Skond l-attur wara li saru dawn il-mistoqsijiet fil-Parlament gie mghoddi bord u tkecca mix-xoghol. L-attur xehed li fis-sbatax-il sena li dam jidhol ghax-xoghol wara l-incident qatt ma talbuh biex jispara, izda f’daqqa wahda fl-2003 ordnawlu biex jerga' jibda jispara u xtrawlu nuccali ta’ protezzjoni, izda huwa xorta wahda ma accettax li jispara peress li kien jibza li jitlef l-ghajnejh l-ohra. Wissewh li ser jitkecca mill-Armata jekk ma jisparax, baqa jirrifjuta li jispara, tellghuh bord u fit-18 ta’ Marzu tal-2003 irceva telefonata minghand suldat certu Lans Daniel Micallef li kien qallu li kien spicca mill-Armata. L-attur xehed li kien ghamel tlett protesti gudizzjarji u anke kiteb lill-Ombudsman u finalment kien kiteb il-kawza odjerna u finalment kien kiteb il-kawza odjerna fis-16 ta’ Marzu 2005.

"Ikkunsidrat :

"Illi flimkien mac-citazzjoni tieghu l-attur esebizza Dokument A, formola ta’ terminazzjoni tal-ETC (ETC 103), datata 17 ta’ Marzu 2003, li permezz taghha l-attur gie infurmat illi kien intemmlu l-impjieg tieghu minn mal-Armata.

"Ikkunsidrat :

"Illi it-Tenent Kurunell Mario Schembri, imsejjah mill-attur, xehed f’dawn il-proceduri fis-sens illi l-attur kien ingaggat mal-Forzi Armati fl-20 ta’ Frar 1987 u kellu rank ta’ ‘gunner’ u gie dimess mill-Forzi Armati fid-19 ta’ Marzu 2003. Ix-xhud qal illi l-attur kien inzamm fis-Servizz peress li kien ikkunsidrat li jista jispara pistola pero` mhux azzarin. Huwa ikkonferma li fis-26 ta’ Jannar 2001, kien inhatar bord biex jistabbilixxi, fost affarijiet ohra, l-istandard medici minimi sabiex wiehed ikun jista' jinzamm fl-ingagg fil-Forzi Armati u wiehed minn dawn l-istandards minimi kien li persuna trid tkun tista' tuza l-arma tan-nar u b’hekk l-attur kien gie moghti struzzjonijiet biex jibda jispara bil-pistola u kien inxtralu nuccali apposta biex jissalvagwardjalu ghajnejh. Izda l-attur wera li qed jibza' u iddeklina li jaghmel l-ezercitazzjonijiet bil-pistola. Il-kwistjoni kienet damet ghaddejja u l-attur kull darba beda jipprezenta certifikati medici sabiex ma jisparax. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kien iddecieda li jahtar Bord mediku li jezamina lill-attur u kien ikkonkluda li l-attur ma kienx ghadu f’possibilita` li jaqdi d-dmirjiet tieghu militari u kien minhabba f’hekk li l-attur gie licenzjat mill-Forzi Armati. Ix-xhud ikkonferma li meta l-attur kien jinghata ‘light duties’ huwa kien jahdem tahtu u dejjem ghamel xogholu sew.

"Illi irrizulta wkoll mill-provi illi l-Bord mediku gie mahtur fid-19 ta’ Frar 2003, kien kompost minn tlett tobba. Il-Bord kien ezamina lill-attur u kien ikkonkluda illi fizikament l-attur seta' jihhandilja pistola, izda mentalment ma setax ghaliex kellu biza' kbira. Irrizulta li l-Bord jirrakkomanda illi l-‘findings’ tieghu u d-decizjoni finali tittiehed mill-‘headquarters’. Il-Bord f’dan il-kaz kien irrakkommanda illi l-attur ma kienx kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu peress li minhabba li kellu l-biza' mill-armi kien impedut milli

jaghmel l-istandard military duties u ma kienx ilahhaq lanqas mal-‘minimum standards’. Finalment kienet il-‘Headquarters’ li hadet id-decizjoni li jitkecca l-attur.

"Irrizulta wkoll mill-provi illi fl-Army anke il-kok irid jaghmel l-ghassa u jrid wkoll jispara l-arma darbtejn fis-sena, l-istess il-bandisti li qeghdin fl-armata. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tinsab esebita a fol. 50 tal-process u r-rapport ta’ l-istess ‘medical bord’ tinsab esebita a fol. 51 tal-process.

"Ikkunsidrat :

"Illi irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Kurunell Raphael Farrugia illi l-‘policy’ tal-Forzi Armata ta’ Malta hija ‘inter alia’ illi kull suldat biex jibqa fl-armata irid jispara bl-arma darbtejn fis-sena u din il-‘policy’ hija datata 2 ta’ Gunju, 1988. Illi l-Kurunell Farrugia xehed illi l-attur stess kien talab biex imur jahdem ‘Ranges’ u r-risposta kienet illi l-ewwel imur jispara, jikklassifika, imbaghad il-kmandant jippostjah fejn ried imur hu. Il-Kurunell Farrugia spjega illi ‘range warden’ jiehu hsieb it-‘targets’ illi jahdmu, itella' t-‘targets’, issewwihom ecc. Huwa xehed illi jahdem fil-‘ranges’ jew le, kull suldat hu fejn hu irid jispara l-arma darbtejn fis-sena u jrid jispara kemm l-azzarin kif ukoll il-pistola.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konvenut esebixxa prova li tinsab a fol. 125 tal-process fis-sens illi persuna ohra, certu Second Lieutenant Dario Pace, tkecca mill-armata peress illi l-Bord mediku iddikjarah ‘Unfit for Military Duties and likely to remain so permanently’ u dan permezz ta’ decizjoni mehuda minn Bord Mediku fl-1 ta’ Novembru tas-sena 2000 u dana sabiex juri li huwa ma mexiex b’mod diskriminatorju ma' l-attur.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti sejra issa tezamina l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut.

"Illi fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni dik illi ic-citazzjoni ma gietx innotifikata lill-Avukat Generali kif tirrikjedi l-ligi fl-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12, il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2005, fejn, ghal kull buon fini, l-Avukat tal-konvenut tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza ghall-istess Avukat Generali u l-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-avukat difensur ta' l-attur iddikjara li n-nota ta’ l-eccezzjonijiet ghadha tittiehed li gietipprezentata bil-visto ta’ l-attur.  Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata b’dan il-mod.

"Il-Qorti issa ser tezamina t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-kawza hija perenta stante li kellha ssir fi zmien sitt xhur minn meta l-attur sar jaf jew seta' sar jaf dwar id-decizjoni amministrattiva u dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza.  Illi fin-nota responsiva tieghu, il-konvenut issottometta illi l-azzjoni hija perenta stante li ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 kellha tigi intavolata fi zmien sitt xhur minn meta l-attur sar jaf jew seta' sar jaf dwar id-decizjoni amministrattiva, u dan il-perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza u ghalhekk ma jistax jigi interrott. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti li terminu ta’ dekandenza ma jistax jigi interrott u l-avukat tal-konvenut ghamel referenza ghal xi gurisprudenza f’dan is-sens.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-avukat difensur ta’ l-attur fl-ebda hin u mument, la waqt il-kawza u lanqas fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tieghu, ma tratta din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

"Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat diversi sentenzi (fosthom sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju 2003 fl-ismijiet **Dennis Tanti vs Ministru ghall-Izvilupp Socjali u Maurice Zarb Adami f’ismu personali u bhala segretarju permanenti ghall-Ministru ghall-Izvilupp u Tabib Principali tal-Gvern** u sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Settembru 2002 fl-ismijiet **Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv Tal-Ufficcju Tal-Prim Ministru** u sentenza ohra ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Gerald Zammit vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar** deciza fit-2 ta’ Frar tas-sena 2000).

"Ikkunsidrat :

"Illi l-kawza odjerna hija effettivament azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv. In-natura ta' din l-azzjoni tohrog mid-dicitura tac-citazzjoni innifsha u mit-talbiet maghmula mill-attur. Illi ma hemm ebda allegazzjoni fic-citazzjoni odjerna illi bl-ghemil amministrattiv il-kwistjoni jikser il-kostituzzjoni. Ai terminu ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht il-paragrafu (*b*) ta' dan l-artikolu, u cioe` meta l-ghemil amministrattiv ikun 'ultra vires' ghal xi raguni imsemmija fis-subartikoli (1) sa (4), ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-attur fic-citazzjoni tieghu, u precizament f'paragrafu 5 tad-dikjarazzjoni, jghid illi fit-18 ta' Marzu 2003, "kif jirrizulta mil-anness dokument ta' terminazzjoni li qed jigi hawnhekk anness u immarkat bhala Dok A", huwa gie mkecci mix-xoghol.

"Illi effettivament fid-Dok A imsemmi, li jinsab esebit a fol. 5 tal-process, jirrizulta illi l-impjieg ta' l-attur gie terminat fit-18 ta' Marzu 2003. Illi fl-affidavit tieghu, u precizament fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna ta' dan l-affidavit, a fol. 17 tal-process, l-attur jghid hekk :

"“Fit-18 ta' Marzu tal-2003 jien ircevejt telefonata minghand suldat certu Lans Daniel Micallef jahdem bhala 'clerk' fil-'B' Company li qalli li jiena spiccajt mill-Armata u biex jiena nirritorna il-hwejjeg tieghi”.

"Ikkunsidrat :

"Illi minkejja li l-attur stess jaccetta li huwa sar jaf li gie terminat l-impjieg tieghu fit-18 ta' Marzu 2003, huwa ghamel il-kawza odjerna fis-16 ta' Marzu 2005; kwazi sentejn wara li sar jaf li gie terminat l-impjieg tieghu.

"Ikkunsidrat :

"Illi minkejja l-fatt illi l-attur kien ipprezenta xi protesti fil-Qorti illum il-gurnata huwa stabbilit iz-zmien ta’ sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12 huwa wiehed ta’ dekadenza u dan ifisser li dan it-terminu ma jistax jigi b’xi mod interott jew sospiz bhalma isehh fil-kaz ta’ terminu ta’ preskrizzjoni.

"Illi ghalhekk irrizulta ampjament illi l-attur ma ghamilx il-kawza fit-terminu ta’ sitt xhur minn mindu ttiehdet id-decizjoni in kwistjoni.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur; bl-ispejjez kontra tieghu."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ir-revoka u t-thassir tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u jew tiddeciedi l-kaz fil-meritu din il-Qorti jew tirrimanda lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi l-kawza fil-meritu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell intavolat mill-attur appellant, u minflok tikkonferma s-sentenza fit-totalita` taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur, li kien impjegat bhala *gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta, qed jallega li hu gie diskriminat mill-konvenut rizultat ta' dizabbiltia` permanenti li garrab in segwitu ghal incident waqt ix-xoghol li sehh fit-3 ta'

Novembru, 1988. F'dak l-incident hu gie milqut minn skartocc ta’ arma tan-nar u tilef ghajnu x-xellugija. L-attur qed jallega li hu gie trattat b'mod diskriminatorju mill-konvenut meta wara certu zmien il-konvenut insista li huwa jerga’ jibda jispara arma tan-nar, hu rrifjuta u minhabba f’hekk tkecca.

Il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni attrici kienet perenta peress li ma saritx fi zmien sitt xhur perentorju stabbilit fil-ligi. Bhala fatt, din il-kawza (li infethet fis-16 ta' Marzu 2005) ma gietx istitwita fi zmien sitt xhur minn meta sar jaf bl-allegata diskriminazzjoni kontra tieghu (stabbilita fid-data tat-18 ta' Marzu 2003), u l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, wara li ghamlet referenza ghall-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat l-azzjoni attrici perenta.

L-attur appella bl-aggravju tieghu jiccentra fuq l-argument li l-Artikolu 469A(3) ma kellux jitqies applikabbli ghall-kaz. Hu jissottometti li l-azzjoni tieghu mhux wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva taht l-Artikolu 469A, kif qalet l-ewwel Qorti, izda azzjoni taht l-Att Numru I dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabbilita`) tal-2000 (Kap. 413 tal-Ligijiet ta' Malta).

Din il-Qorti tara li l-attur ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu li l-Artikolu 469A(3) mhux applikabbli ghall-kaz. Fic-citazzjoni tieghu l-attur jghid b'mod car li hu qed jitlob rimedju taht il-Kap. 413, li hi ligi partikolari li tipprotegi persuni b'dizabbilita` minn diskriminazzjoni. Hu veru li jista' jinghad li l-Forzi Armati ta' Malta hija "awtorita` pubblika" li l-agir taghha, b'mod generali, jaqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, pero` is-subartikolu (4) ta' dan l-istess artikolu jghid li:
"(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."

Il-kaz partikolari ta' l-attur u l-ksib tar-rimedju huwa, fil-fatt, regolat b'"ligi ohra", u cioe` bil-Kap. 413 indikat. Fil-fatt, l-Artikolu 34 ta' din il-ligi jipprovdi hekk bhala rimedju:

"**34.** Meta ssir pretensjoni minn persuna li jkollha interess legali fi kwistjoni, sew jekk din issir personalment kif ukoll jekk issir permezz tar-rapprezentant legali tieghu jew taghha, li xi persuna ohra tkun wettqet xi att illegali ta' diskriminazzjoni kontrih jew kontriha skond kif hemm provdut taht l-Att, din ghandha tigi trattata b'azzjoni civili l-istess bhalma tigi trattata kull pretensjoni ohra ghad-danni; u d-danni li jinghataw minhabba f'att illegali ta' diskriminazzjoni jistghu wkoll jinkludu kumpens ghal danni morali sew jekk dawn jinkludu sew ma jinkludux kumpens taht xi kap iehor, sa massimu ta' erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) hekk kif il-qorti tista' tiddikjara."

Hu car li l-attur qed iressaq l-ilment tieghu a bazi ta' dan l-artikolu ta' din il-ligi specjali, u ladarba l-mod ta' kontestazzjoni hu regolat b'ligi *ad hoc*, l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma japplikax, u dan b'disposizzjoni espressa ta' l-istess artikolu tal-ligi (ara fil-kuntest ta' l-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar l-applikazzjoni ta' dan il-principju fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza **Borg v. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar et** fit-8 ta' Mejju, 2003).

Din il-Qorti, f'dan l-istadju mhux qed tghid li l-attur gie trattat b'mod diskriminatorju, ghax dan il-meritu lanqas gie trattat mill-ewwel Qorti u ma jistax jigi, allura, diskuss f'dan l-istadju; li qed tghid hu li darba l-attur, fic-cirkostanzi partikolari tieghu, qed iressaq il-lanjanzi tieghu a bazi ta' ligi specjali, ir-regola preskrittiva stabbilita f'ligi ohra li titratta agir amministrattiv b'mod generali, u li giet invokata (b'mod indirett) mill-konvenut mhix applikabbli, u l-azzjoni ta' l-attur tista' u ghandha titkompla tinstema' fil-meritu. Fid-dawl tal-premess, u peress li l-meritu ta' l-azzjoni attrici ma giex trattat mill-ewwel Qorti, hemm lok li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi mhassra, tigi michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u l-atti rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli titratta u finalment tiddeciedi fuq it-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-rargunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur, billi tilqa' l-istess, thassar u

tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi u, wara li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni skond il-ligi.

L-ispejjez in konnessjoni mat-tieni eccezzjoni, kemm dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk tat-tieni istanza, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------